



ISSN 2467-0545

# Il-Premju AĊĊESS CITY 2023

Eżempji tal-aħjar prattika  
biex il-bliet tal-UE jsiru  
aktar aċċessibbli

#EUACCESSCITY

Il-Lussemburgu: L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, 2023

© L-Unjoni Ewropea, 2023

Il-politika tal-użu mill-ġdid tad-dokumenti tal-Kummissjoni Ewropea hija bbażata fuq id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2011/833/UE tat-12 ta' Diċembru 2011 dwar l-użu mill-ġdid ta' dokumenti tal-Kummissjoni (ĠU L 330, 14.12.2011, p. 39). Għajr jekk ikun indikat mod ieħor, l-użu mill-ġdid ta' dan id-dokument huwa awtorizzat bil-liċenzja Creative Commons Attribution 4.0 International (CC-BY 4.0) (<https://creativecommons.org/licenses/by/4.0/>). Dan ifisser li l-użu mill-ġdid huwa permess kemm-il darba jingħata kreditu xiera q u jiġu indikati t-tibdiliet kollha.



Għal kull użu jew riproduzzjoni ta' elementi li mhumiex proprjetà tal-Unjoni Ewropea, jista' jkun hemm bżonn li jintalab permess direttament mid-detenturi tad-drittijiet rispettivi.

Paġna tal-qoxra, © iStock.com/Johan Karlsson; Page 2, © Easy-to-read.eu; Page 3, © Image by Mohamed Hassan from Pixabay; © BRO.vector/Shutterstock.com; © GoodStudio/Shutterstock.com; © Naumova Marina/Shutterstock.com; © Easy-to-read.eu; © 777 Bond vector/Shutterstock.com; Page 4, © KatyGr5/Shutterstock.com; © Image by Memed\_Nurrohmud from Pixabay; © Naumova Marina/Shutterstock.com; © Image by Mohamed Hassan from Pixabay; Page 5, © GoodStudio/Shutterstock.com; © Natty\_Blissful/Shutterstock.com; © GoodStudio/Shutterstock.com; © mentalmind/Shutterstock.com; © Image by Mohamed Hassan from Pixabay; Page 6, © Image by Mohamed Hassan from Pixabay; © Peter Hermes Furian/Shutterstock.com; © Artishok/Shutterstock.com; Page 7, © Artishok/Shutterstock.com; © Image by Mohamed Hassan from Pixabay; © Image by Memed\_Nurrohmud from Pixabay; © Image by Mohamed Hassan from Pixabay; © Image by OpenClipart-Vectors from Pixabay; © Image by Mohamed Hassan from Pixabay; © Image by Mohamed Hassan from Pixabay; Page 9, © Easy-to-read.eu; © Image by Memed\_Nurrohmud from Pixabay; © Image by Mohamed Hassan from Pixabay; Page 10, © European Union; © iStock.com/Johan Karlsson; © Lucy Left/Shutterstock.com; © Matej Kastelic/Shutterstock.com; © Creativika Graphics/stock.adobe.com; Page 12, © European Union; Page 15, © iStock.com/Johan Karlsson; Page 16 and 18, © Elin Brännström; Page 19, © Lucy Left/Shutterstock.com; Pages 20 and 21, © Bernardo Jordano de la Torre; Page 22, © Matej Kastelic/Shutterstock.com; Page 23, © Tatjana Čampelj; Page 24, © Ljubljana by Wheelchair; Page 25, Joseph Creamer; Pages 26 and 27, © Susana Fajardo Bautista; Page 28, © canadastock/Shutterstock.com; Pages 29 and 30 © Lukas Kapfer; Page 31, © BearFotos/Shutterstock.com; Page 32, © Sylvain Frappat, © Auriane-Poillet; Page 33, © Auriane-Poillet

Print ISBN 978-92-68-01341-0 ISSN 2599-9133 doi:10.2767/757178 KE-BL-23-001-MT-C

PDF ISBN 978-92-68-01330-4 ISSN 2467-0545 doi:10.2767/431193 KE-BL-23-001-MT-N

# Werrej

L-Access City Award 2023.....	2
Niċċelebraw lir-rebbieħa tal-Access City Award.....	10
Kelmtejn qabel.....	12
Introduzzjoni.....	14
Rebbieħa – <b>Skellefteå</b> .....	15
It-Tieni Premju – <b>Córdoba</b> .....	19
It-tielet premju – <b>Ljubljana</b> .....	22
Aċċenn speċjali għat-teknoloġija tal-informazzjoni u l-komunikazzjoni (ICT) – <b>Mérida</b> .....	25
Aċċenn speċjali għall-ambjent mibni – <b>Hamburg</b> .....	28
Aċċenn speċjali għat-trasport – <b>Grenoble</b> .....	31
Parteċipazzjoni fl-Access City Award 2024.....	34

# L-Access City Award 2023



**Easy-to-read version**

**Min aħna?**



Aħna l-Kummissjoni Ewropea

Il-Kummissjoni Ewropea tissuġġerixxi l-liġijiet li jistgħu jagħmlu l-Ewropa aħjar.

Fost oħrajn, aħna naħdmu biex nagħmlu l-affarijiet u s-servizzi fl-Ewropa aċċessibbli għal persuni b'diżabilità u għan-nies kollha.



Biex dan iseħħi, naħdmu flimkien ma' organizzazzjonijiet ta' nies b'diżabilità fl-Ewropa, bħall-**Forum Ewropew dwar id-Diżabbiltà**

Pereżempju, kull sena, naħdmu flimkien biex norganizzaw u nirrealizzaw l-Access **City Award**.

## X'inhu l-Access City Award?



**L-Access City Award** huwa premju li kull sena nagħtu lill-bliet li jaħdmu ħafna biex ikunu aċċessibbli.



Belt tkun aċċessibbli meta n-nies kollha jistgħu jgħixu fiha u jużaw l-affarijiet u s-servizzi kollha mingħajr problemi.



Pereżempju, belt tkun aċċessibbli meta n-nies kollha jkunu jistgħu faċilment:

- Jaqbdu tal-linja jew il-metro biex imorru għax-xogħol;
- Jużaw magni tal-biljetti biex jixtru biljett;
- Iduru fit-toroq jew jidħlu f'binjet pubbliċi, bħal sptarijiet u muniċipji;
- Jiksbu informazzjoni b'modi li jkunu jistgħu jaqraw u jifhmu.



Dan huwa importanti għan-nies kollha u l-aktar għal persuni b'diżabilità u għall-anzjani.



Spiss affarijiet bħall-bini, it-trasport u l-informazzjoni ma jkunux aċċessibbli għalihom.

Jekk l-affarijiet ma jkunux aċċessibbli, dawn ma jkunux jistgħu jipparteċipaw fil-komunità bħan-nies l-oħra rajn kollha.



Pereżempju, jekk il-bini ma jkollux rampi, persuni f'siġġijiet tar-roti ma jkunux jistgħu jidħlu.



Jew jekk l-informazzjoni ma tkunx faċli biex tinqara, persuni b'diżabilità intellettwali u persuni oħra jistgħu ma jifhmuhiex.

Għalhekk, l-Access City Award huwa opportunità għall-iblet fl-Ewropa biex juru x'għamlu biex isiru aċċessibbli għal kulħadd.



L-Access City Award beda fl-2010 biex ifakkarr lill-iblet kemm hu importanti li jkunu aċċessibbli għal kulħadd.

## Liema belt rebħet l-Access City Award 2023?

Il-belt li rebħet l-Access City Award għall-2023 hija **Skellefteå fl-Iżvejza**.



Skellefteå rebħet l-Access City Award għax tibqa' taħdem biex tagħmel l-affarijiet u s-servizzi aċċessibbli għall-persuni b'diżabilità u għall-persuni kollha.

## Fost l-oħrajn, fi Skellefteå:



- Il-bandli, il-parks u t-toroq huma aċċessibbli u kulħadd jista' jdur fihom mingħajr problemi.



- Persuni neqsin mid-dawl jirċieu informazzjoni fuq il-mowbjajls tagħhom dwar perikli possibbli fit-toroq sabiex ikunu jistgħu jiċċaqlqu b'mod sikur.



- Il-karozzi tal-linja għandhom rampi, sabiex persuni fis-siġġijiet tar-roti jkunu jistgħu jużawhom mingħajr problemi. Fuq il-karozzi tal-linja, hemm avviżi bl-awdjo sabiex persuni neqsin mid-dawl ikunu jistgħu jisimgħu informazzjoni utli dwar il-vjaġġ tagħhom. Hemm ukoll skrins sabiex persuni neqsin mis-smiġħ ikunu jistgħu jaqraw din l-informazzjoni fuq l-iskrins.



- Il-belt toffri taħriġ lil żgħażaq b'diżabilitajiet intellettuali dwar kif jużaw it-teknoloġija u kif jgħixu b'mod indipendentni.



Skellefteå rċeviet EUR 150 000 talli rebħet l-Access City Award għall-2023.

Żewġt ibliet oħra ġew fit-tieni u fit-tielet post fil-kompetizzjoni:

- Il-belt ta' **Córdoba** fi **Spanja** ġiet fit-tieni post u rebħet EUR 120 000.
- Il-belt ta' **Ljubljana** fis-**Slovenja** ġiet fit-tielet post u rebħet EUR 80 000.



L-Access City Award li jmiss se jkun għall-2024.

### Liema bliet jistgħu jipparteċipaw?

Mhux l-ibliet kollha jistgħu jipparteċipaw fl-Access City Award. L-ibliet li jistgħu jipparteċipaw fl-Access City Award għandhom:



- Ikunu f'pajjiżi li huma parti mill-Unjoni Ewropea. L-**Unjoni Ewropea** hija grupp ta' 27 pajjiż fl-Ewropa li ngħaqdu flimkien biex jagħmlu l-ħajja aħjar għan-nies.



- Ikollhom aktar minn 50 000 persuna jgħixu fihom. Jekk pajjiż ikollu anqas minn żewġt (2) ibliet b'dawn in-nies kollha, żewġt (2) ibliet iż-ġejja jew aktar jistgħu jingħaqdu flimkien. Jekk flimkien jgħaqqu aktar minn 50 000 persuna, dawn jistgħu jipparteċipaw ukoll fl-Access City Award.



- Il-belt li rebħet l-Access City Award din issena ma tistax terġa' tipparteċipa s-sena d-dieħla.

## Kif jistgħu jipparteċipaw l-ibliet?



L-ibliet li jixtiequ jipparteċipaw fl-Access City Award li jmiss jistgħu japplikaw online meta jibda l-perjodu ta' applikazzjoni. Il-persuni li jmexxu dawn l-ibliet u jieħdu deċiżjonijiet importanti għalihom għandhom jimlew formola fuq l-internet.

F'din il-formola, dawn għandhom:



- Jgħidu għaliex jaħsbu li l-belt tagħhom għandha tirbaħ l-Access City Award.
- Jagħtu eżempji u juru kif il-belt tagħhom taħdem biex tagħmel l-affarijiet aċċessibbli għal kulħadd.
- Jitkellmu dwar kif qed jippjanaw li jkomplu din il-ħidma tajba fil-futur.

Tista' ssib aktar informazzjoni fuq is-sit web tagħna fuq:

[www.ec.europa.eu/social/accesscityaward](http://www.ec.europa.eu/social/accesscityaward)



Hemmhekk, daqt se nħabbru meta se jibda l-perjodu ta' applikazzjoni. Meta jibda l-perjodu ta' applikazzjoni, l-ibliet jistgħu jimlew il-formola u jipparteċipaw fl-Access City Award li jmiss. Għalhekk moħħok hemm għas-sit web tagħna biex issib din l-informazzjoni!

## Kif nagħżlu r-rebbieħa?



Wara li l-ibliet japplikaw għall-Access City Award, gruppi ta' persuni jivverifikaw l-applikazzjonijiet tagħhom u jagħżlu r-rebbieħ.



F'kull pajjiż, hemm grupp ta' persuni li jivverifika l-applikazzjonijiet tal-ibliet ta' dan il-pajjiż. Dawn jagħżlu sa tlitt (3) ibliet bħala l-aħjar eżempji ta' dan il-pajjiż.

Imbagħad grupp ieħor ta' persuni fl-Ewropa jivverifika dawn l-ibliet kollha u jagħżel liema waħda minnhom hija l-aħjar eżempju. Din il-belt tirbaħ l-Access City Award ta' dik is-sena.

Persuni b'diżabilità u anzjani huma parti minn dawn il-gruppi. Fost oħrajn, jivverifikaw jekk l-ibliet ikollhomx:

- Bini u toroq aċċessibbli;
- Xarabanks u metro aċċessibbli;
- Magni tal-biljetti u magni tal-flus aċċessibbli;
- Siti web u teknoloġiji oħra li n-nies jużaw biex jikkomunikaw aċċessibbli;



- Informazzjoni aċċessibbli li hija faċli biex jaqraha u jifhimha kulħadd.



Dawn jaraw liema belt jirnexxielha tagħmel l-aħjar biċċa xogħol biex tagħmel dawn l-affarijiet aċċessibbli għal kulħadd. Din il-belt tirbaħ l-Access City Award.

### **Ir-rebbieħa, meta tirċievi l-premju tagħha?**



F'Diċembru 2023, se jkollna laqqgħa kbira fi Brussell biex nitħaddtu dwar id-drittijiet tal-persuni b'diżabilità. F'din il-laqqgħa, se nħabbru wkoll liema belt se tirbaħ il-Premju Access City għall-2024.

Se nagħtu l-Access City Award lil din il-belt.

### **Aktar informazzjoni**



Jekk tixtieq aktar informazzjoni, tista' żżur is-sit web tagħna fuq:

[www.ec.europa.eu/social/accesscityaward](http://www.ec.europa.eu/social/accesscityaward)

Jekk għandek xi mistoqsijiet, tista' tibagħtilna email fuq:

[secretariat@accesscityaward.eu](mailto:secretariat@accesscityaward.eu)



**Ursula von der Leyen**  
President tal-Kummissjoni Ewropea



# Niċċelebraw lir-rebbieħha tal-Access City Award

Il-ħajja fil-belt għandha tkun aċċessibbli għal kulħadd. Biex kull wieħed u waħda minna jkunu jistgħu jipparteċipaw bis-sħiħ fiziż-żoni kollha tal-ħajja urbana, għandna bżonn soluzzjonijiet oriġinali u effettivi, bħal dawk li daħħlu fis-seħħi l-iblet rebbieħha tal-ACA. Eżempji bħal dawn juru s-setgħa ta' integrazzjoni tas-soċjetà Ewropea tagħna.

## Rebbieħha tal-Access City Award 2023



1

Skellefteå, I-Iżvejza



2

Córdoba, Spanja



3

Ljubljana, is-Slovenja

Aċċenn Speċjali  
It-teknoloġija tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni

Mérida, Spanja

Aċċenn Speċjali  
Ambjent mibni

Hamburg, il-Ġermanja

Aċċenn Speċjali  
It-trasport

Grenoble, Franza

## Rebbieħa tal-passat tal-Access City Award

	L-ewwel premju:	It-tieni premju:	It-tielet premju:	Ačċenn Speċjali	Ačċenn Speċjali	Ačċenn Speċjali	Ačċenn Speċjali
2022	Il-Belt tal-Lussemburgu, il-Lussemburgu	Helsinki, il-Finlandja	Barcellona, Spanja	Porto, il-Portugall	Palma, Spanja	Leuven, il-Belġju	-
2021	Jönköping, l-Iżveza	Bremerhaven, il-Ġermanja	Gdynia, il-Polonja	Poznań, il-Polonja	Komotini, il-Greċċa	Firenze, l-Italja	-
2020	Varsavja, il-Polonja	Castellón de la Plana, Spanja	Skellefteå, l-Iżveza	Evreux, Franza	Tartu, l-Estonja	Chania, il-Greċċa	-
2019	Breda, in-Netherlands	Evreux, Franza	Gdynia, il-Polonja	Vigo, Spanja	Kaposvár, l-Ungaria	Viborg, id-Danimarka	Monteverde, l-Italja
2018	Lyon, Franza	Ljubljana, is-Slovenja	Il-Belt tal-Lussemburgu, il-Lussemburgu	Viborg, id-Danimarka	-	-	-
2017	Chester, ir-Renju Unit	Rotterdam, in-Netherlands	Jūrmala, il-Latvja	Lugo, Spanja	Skellefteå, l-Iżveza	Alessandria, l-Italja	Funchal, il-Portugall
2016	Milan, l-Italja	Wiesbaden, il-Ġermanja	Toulouse, Franza	Vaasa, il-Finlandja	Kaposvár, l-Ungaria	-	-
2015	Borås, l-Iżveza	Helsinki, il-Finlandja	Ljubljana, is-Slovenja	Arona, Spanja	Il-Belt tal-Lussemburgu, il-Lussemburgu	Logroño, Spanja	Budapest, l-Ungaria
2014	Göteborg, l-Iżveza	Grenoble, Franza	Poznań, il-Polonja	Belfast, ir-Renju Unit	Dresden, il-Ġermanja	Burgos, Spanja	Malaga, Spanja

	Rebbieħa	Finalista	Finalista	Finalista	Aċċenn Speċjali	Aċċenn Speċjali	Aċċenn Speċjali	Aċċenn Speċjali
2013	Berlin, il-Ġermanja	Nantes, Franza	Stokkolma, l-Iżveza	-	Gdynia, il-Polonja	Bilbao, Spanja	Pamplona, Spanja	Tallaght, l-Irlanda
2012	Salzburg, l-Awstrija	Krakovja, il-Polonja	Marburg, il-Germanja	Santander, Spanja	Terrassa, Spanja	Ljubljana, is-Slovenja	Olomouc, iċ-Čekja	Grenoble, Franza
2011	Ávila, Spanja	Barcellona, Spanja	Cologne, il-Ġermanja	Turku, il-Finlandja	Barnsley, ir-Renju Unit	Dublin, l-Irlanda	Grenoble, Franza	Malmö, l-Iżveza

**Helena Dalli**

il-Kummissarju Ewropew għall-Ugwaljanza



## Kelmtejn qabel

### **L-aċċessibilità hija faċilitatur tad-drittijiet, l-awtonomija, l-ugwaljanza, l-għajxien indipendenti, u l-libertà.**

Hija prekundizzjoni għas-87 miljun persuna b'diżabilità fl-Ewropa kif ukoll għal dawk b'mobbiltà mnaqqsia biex ikunu jistgħu jipparteċipaw bis-sħiħ fl-oqsma kollha tal-ħajja.

**Ninsab kuntenta li qed nintroduċi l-fuljett tal-Access City Award tal-2023, li fih niċċelebraw il-prattiki tajbin tar-rebbieħha ta' din is-sena, u nħeġġu lil aktar bliest Ewropej jieħdu azzjoni biex jipprovdu ambjent mingħajr ostakli għal kulħadd.**


Wieħed minn kull erba' adulti Ewropej għandu xi forma ta' diżabilità, aktar minn għoxrin fil-mija tal-popolazzjoni tal-UE għandha 65 sena jew aktar, u madwar 75 % tal-Ewropej kollha qed jgħixu fil-bliet. L-aċċessibilità tal-bliet hija importanti għax tkun ta' beneficiċju għal kulħadd u tikkontribwixxi għall-bini ta' ambjenti prosperu u inklużivi. Billi l-aċċessibilità tkun fuq quddiem fl-agħenda, il-bliet juru l-impenn tagħhom li jippli soluzzjonijiet konkreti li jtejbu l-ħajja tan-nies.

Matul l-aħħar għaxar snin, l-UE għamlet ġafna progress fil-qasam tal-aċċessibilità. Iżda għad hemm miljuni ta' persuni b'diżabilità li jesperjenzaw diskriminazzjoni u ostakli strutturali kuljum f'ħajjithom – pereżempju, meta jippruvaw jaċċessaw informazzjoni, bini, l-ambjent urban, u t-trasport.

Din hija r-raġuni għaliex l-aċċessibilità hija l-pedament tal-Istrateġija tal-UE għad-Drittijiet tal-Persuni b'Diżabilità 2021-2030, u rridu niżguraw li tibqa' priorità fil-livelli kollha, inkluż fl-Istati Membri.

Permezz tal-Access City Award, il-Kummissjoni Ewropea tirrikonoxxi l-impenn ta' bliet madwar l-UE biex jingħelbu l-ostakli u fit-tfassil u t-twettiq tal-aċċessibilità. L-isforzi tagħkom qed jikkontribwixxu għall-bini ta' Unjoni ta' Ugwaljanza.

Nifraħ lill-belt ta' Skellefteå talli ngħatat l-ewwel premju tal-Access City Award tal-2023. Is-sistema b'saħħitha tagħkom ta' monitoraġġ u evalwazzjoni, l-appoġġ finanzjarju tagħkom għall-organizzazzjonijiet ta' persuni b'diżabilità u l-enfasi tagħkom fuq ICT aċċessibbli juru l-impenn kontinwu tagħkom lejn l-aċċessibilità.



# Introduzzjoni

L-Access City Award jirrikonoxxi l-isforzi tal-bliet Ewropej biex ikunu aktar aċċessibbli għall-persuni b'diżabilità. Il-Premju huwa opportunità għall-bliet biex juru kif jistgħu jittransformaw l-esperjenzi taċ-ċittadini tagħhom billi jeliminaw l-ostakli u jsiru xempju ta' prattika tajba biex bliet oħra jaspiraw lejh.

Bliet aċċessibbli jippermettu lill-persuni b'diżabilità jgħixu ħajjithom ta' kuljum mingħajr ostakli, fuq bażi ugwalli ma' oħrajn. L-aċċessibilità għandha responsabbiltà kbira li taffettwa l-aspetti kollha tal-ħajja tal-belt – mit-trasport pubbliku u l-infrastruttura sal-amministrazzjoni, id-divertiment u s-servizzi tal-web. Bliet aċċessibbli huma wkoll aktar faċili biex jinnavigawhom persuni b'mobbiltà limitata, bħal persuni akbar fl-ċċetġi, persuni bi tfal fil-prams, persuni b'diżabilità temporanja.

L-Access City Award huwa miftuħ għall-bliet kollha tal-UE b'aktar minn 50 000 abitant. Il-kandidati kollha l-ewwel jiġu evalwati minn ġurija nazzjonali. Imbagħad, l-applikazzjonijiet magħżula jiġu vvalutati minn ġurija tal-UE magħmulha minn esperti tal-aċċessibilità li jagħżlu l-belt rebbieħha u żewġ runners-up.

Kull sena, il-ġurija tal-UE tagħti wkoll premju speċjali ta' aċċenn lill-bliet li marru tajjeb b'mod eċċeżżjonali f'qasam speċifiku. Din is-sena, il-ġurija għamlet aċċenn speċjali għat-teknoloġija tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni, għall-ambjent mibni, u għat-trasport.



**Rebbieħa**

**73,000 abitant**

## **Skellefteå**

### **L-Iżvezja**

Belt kostali li tinsab fit-Tramuntana tal-Iżvezja, Skellefteå hija parti mill-provinċja ta' Lapland, li jfisser li x-xitwa ġġib magħha sfidi għall-aċċessibilità. Minn meta rebħet it-tielet post fl-Access City Award tal-2020, Skellefteå kompliet tagħti priorità lill-aċċessibilità u tirrifletti dwar kif il-belt tista' issir aktar aċċessibbli b'sistema b'saħħiħha ta' monitoraġġ u evalwazzjoni.

Xogħol strateġiku b'determinazzjoni qawwija u l-fokus it-tajjeb jaħdem. Dan jippermetti lin-nies ikunu attivi, jiżgura l-parteċipazzjoni, u jixpruna lejn soċjetà ugwali u aktar b'saħħiħha. Billi naħdmu flimkien, inżidu l-bidliet biex nibnu Skellefteå aktar inklużiva, għal futur li ma jikkuntentax ruħu qabel ma joffri aċċessibilità sħiħa.

Elin Brännström, Koordinatur tal-Parteċipazzjoni għal Skellefteå

## Aċċessibilità għal kulħadd, fl-oqsma kollha

L-istrateġija muniċipali ta' Skellefteå għall-aċċessibilità u l-parteċipazzjoni, *Ett Skellefteå för alla 2015–2025* ("A Skellefteå for all 2015–2025"), hija implementata fl-ogħla livell mill-Kunsill tal-Belt. L-ġhan ġenerali huwa l-parteċipazzjoni sħiħa fil-livelli kollha tas-soċjetà għaċċ-ċittadini kollha. Dan jitwettaq fi tliet oqsma ta' prioritā: aċċessibilità akbar, livelli ogħla ta' sensibilizzazzjoni, u edukazzjoni u impjieg i-aħjar għall-persuni b'diżabilità.

Skellefteå għandha approċċ sistematiku u komprensiv għall-aċċessibilità, inkluż fil-pjanti kollha tal-bini u fil-proċessi kollha tal-ksib pubbliku, kif ukoll permezz tal-politika muniċipali dwar spazji pubbliċi aċċessibbli. Din il-politika għandha l-ġhan li żżid il-koerenza tal-miżuri ta' aċċessibilità fil-belt f'diversi oqsma, bħall-punti ta' qsim pedonali, mogħdijiet tattili, u l-punti ta' waqfien tal-karozzi tal-linja.

Barra minn hekk, Skellefteå użat il-finanzjament mill-Access City Award preċedenti tagħha biex tkompli ttejeb l-aċċessibilità. Miżuri speċifiċi implementati fl-istaġun tax-xitwa juru kif il-belt tistinka biex tibqa' miftuħa għal kulħadd, matul is-sena kollha.



Il-punti ta' qsim pedonali u l-mogħdijiet tattili fi Skellefteå jagħmlu l-belt aktar sikura u aktar aċċessibbli

## Sistema b'saħħitha għal titjib kontinwu

Is-sistema ta' monitoraġġ u evalwazzjoni ta' Skellefteå hija enfasi partikolari fuq l-impenn kontinwu tal-belt lejn l-aċċessibilità. Il-ġurja nnotat li fiti muniċipalitajiet jaħdmu b'monitoraġġ u evalwazzjoni u qabel li l-kejl tal-progress maż-żmien huwa aspett importanti biex il-ħaddiema tal-amministrazzjoni pubblika jiġu mħeġġa jagħtu prioritā lill-aċċessibilità.

## **Finanzjament biex jiġu appoġġjati rappreżentanza aħjar u faċilitajiet u servizzi aċċessibbli**

Skellefteå għandha 850 organizzazzjoni tas-soċjetà ċivili, inklużi 30 organizzazzjoni rappreżentattiva ġħall-persuni b'diżabilità. L-organizzazzjonijiet kollha tas-sħubija jistgħu japplikaw għal appoġġ finanzjarju mill-muniċipalità, u hemm disponibbli finanzjament ġeneruż għal organizzazzjonijiet rappreżentattivi. Huma disponibbli wkoll sussidji għal organizzazzjonijiet li għandhom l-ġhan li jagħmlu s-servizzi u l-faċilitajiet ġenerali tagħhom aktar aċċessibbli.


## **Żieda fis-sensibilizzazzjoni fost il-persunal u l-politiċi**

Il-muniċipalità ta' Skellefteå għandha l-ġhan li tibni l-għarfien u tqajjem kuxjenza permezz ta' kors edukattiv interattiv ġdid u żviluppat lokalment dwar il-Konvenzjoni dwar id-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabilità. Dan il-kors huwa obbligatorju għall-impiegati muniċipali kollha, u fil-ħarifa tal-2022 ħadu sehem 62 politiku fil-muniċipalità.

## **It-teknoloġija hija kruċjali għall-belt għal persuni b'diżabilità**

Il-muniċipalità ta' Skellefteå u r-rappreżentanti ta' persuni b'diżabilità ġadmu mal-uffiċċju turistiku, Visit Skellefteå, biex jagħmlu l-akkomodazzjoni u l-faċilitajiet aċċessibbli aktar viżibbli. Dan jinkludi inventarju tal-livelli ta' aċċessibilità fil-bini pubbliku, li huwa ospitat fuq is-sit web tal-muniċipalità.

Il-bandli u t-toroq pubbliċi fi Skellefteå huma aċċessibbli ħafna, b'sinjal ta' informazzjoni li jistgħu jintmessu u t-tiġi biex jaġi żgur li l-borra u s-silġ ma jkunux ta' periklu għal persuni b'diżabilità u għal ċittadini oħra. Il-park ċentrali tal-belt u ż-żona tax-xmara fil-qrib huma postijiet funzjonal u aċċessibbli fejn wieħed jista' jiltaqa', b'mogħidijiet tattili, b'postijiet fejn wieħed jista' jpoġġi bilqiegħda, b'lift fuq barra u b'diversi mapep tattili. Il-karozzi tal-linja fin-network ta' Skellefteå huma mgħammra b'art baxxa li tinżel skont il-livell tal-bankina, b'rampi, bi skrins bit-test fuqhom u b'avviżi bl-awdjo.




L-impenn politiku għall-aċċessibilità u l-inklużjoni tal-abitanti kollha huwa wieħed ewlioni għas-suċċess tagħna. Għandna wkoll twemmin sod fid-disinn universali u qed nagħmlu l-affarijiet tajbin mill-ewwel. L-affarijiet li jaħdmu għall-persuni b'diżabilità huma kważi dejjem aktar konvenjenti għall-bqija tan-nies ukoll. L-għan tagħna mħuwiex li nisseparaw kwistjonijiet ta' aċċessibilità u inklużjoni ta' persuni b'kapaċitajiet differenti, iżda li nintegraw dawn il-perspettivi fl-attivitajiet u l-proġetti kollha li għaddejjin fil-belt.

Elin Brännström, Koordinatur tal-Parteċipazzjoni għal Skellefteå

Iċ-Ċentru Kulturali l-ġdid ta' Skellefteå, SARA, għandu applikazzjoni tar-realtà awmentata li tagħmilha aktar faċli li wieħed jinnaviga madwaru. Dan jinkludi l-immappjar 3D, l-ippjanar tar-rotot u sistema tal-awdjo għal persuni neqsin mid-dawl, u b'hekk jiżgura l-aċċessibilità għall-komunità kollha.

Bix jitnaqqsu l-perikli potenzjali għal persuni b'diżabilità, paġna web muniċipali u servizz b'SMS għal individwi neqsin mid-dawl jipprovd informazzjoni aġġornata dwar ix-xogħlijiet ta' kostruzzjoni li jkunu qed iseħħu fit-toroq ta' Skellefteå, flimkien ma' ostakli potenzjali oħra. Il-belt għandha wkoll dipartiment ta' taħriġ li jippermetti lil žgħażaq b'diżabilità intellettuali jesploraw teknoloġij u modi ta' xogħol li jistgħu jappoġġjawhom biex jgħixu ħajja adulta aktar indipendentni.

B'dan il-mod, Skellefteå mhux biss tiprovvdi teknoloġiji biex tappoġġja persuni b'diżabilità, iżda tgħin ukoll biex jiġu mgħammra bl-għarfien u l-ħiliet li jeħtieġ biex jużawhom.



Iċ-Ċentru Kulturali ta' Skellefteå juża applikazzjoni tar-realtà awmentata biex jagħmilha aktar faċli għall-persuni neqsin mid-dawl biex jinnavigaw madwarhom.



## It-Tieni Premju

322,071 abitant

# Córdoba

Spanja

Waħda mill-eqdem bliet fl-Ewropa, Córdoba hija stabbilita f'enklavi qalb il-muntanji u l-wied ta' Guadalquivir. Il-belt tqis l-aċċessibilità universali bħala prioritāt kbira, u tiffoka b'mod partikolari fuq it-turiżmu inklużiv u s-sħubijiet pubbliċi-privati.


Aħna konxji li għad fadal ħafna x'isir biex tinkiseb aċċessibilità perfetta, iżda nistgħu niżguraw li l-belt tagħna qed issir aħjar kull sena. Fl-aħħar mill-aħħar, fil-ġestjoni ta' din ir-rokna sabiħa fid-din ja, il-belt ta' Córdoba hija responsabbli għall-kura taċ-ċittadini u tal-viżitaturi kollha, b'diżabilità jew mingħajrha. Aħna nagħmluha għal kulħadd, u kulħadd huwa dejjem milquġi hawnhekk.

José María Bellido, Sindku ta' Córdoba

## Wirt kulturali biex jitgawda minn kulħadd

Dar għall-akbar kwartier antik fi Spanja u l-unika belt fid-dinja b'erba' siti protetti mill-UNESCO, Córdoba hija popolari mat-turisti. Il-Moskeea-Kattidral ta' Córdoba waħedha tattira sa 2 miljun viżitatur fis-sena. F'dan il-kuntest, l-azzjonijiet imwettqa mid-Delegazzjoni għall-Inklużjoni u l-Aċċessibilità għandhom l-ghān li jippromwovu azzjoni kontinwa u komprensiva biex itejbu l-aċċessibilità għat-turisti li jżuru l-belt.

Parti kbira mill-aġenda kulturali ta' Córdoba hija l-festival *Patios de Córdoba*, fejn ir-residenti jiftħu l-btieħi tagħhom biex igawdihom il-pubbliku. Matul il-festival, jiġu installati rampi mobbli għall-utenti tas-siġġijiet tar-roti jew għal persuni b'mobbiltà mnaqqsa, bi spazji tal-parkeġġ riżervati.



Il-Mużew Julio Romero de Torres ta' Córdoba huwa l-ewwel mużew fi Spanja li huwa 100 % aċċessibbli, u dan juri aktar l-impenn strateġiku tal-belt lejn kultura inklużiva. Il-mużew huwa mgħamar b'sistemi ta' ċirkwit tas-smiġħ u ta' frekwenza tar-radju, b'pitturi ta' għajjuna (skulturi tattili mmuntati mal-ħajt), u b'deskrizzjoniċċi bl-awdjo tal-wirjet f'34 lingwa u bil-lingwa tas-sinjalji Spanjola. Hemm ukoll rottu aċċessibbli li twassal miċ-ċentru storiku tal-belt għall-mużew.

Bħalissa għaddejjin xogħliliet ta' kostruzzjoni biex tittejjeb l-aċċessibilità għas-siġġijiet tar-roti f'Alcázar de los Reyes Cristianos ("Il-Kastell tal-Monarkiji Nsara"). S'issa, ix-xogħliliet tejbu l-aċċessibilità ġenerali tal-monument b'90 %.

Fl-aħħar nett, programm ta' taħriġ speċjali, li jammonta għal total ta' 355 siegħa ta' tagħlim, jgħin lill-äġenti tat-turiżmu pubbliċi u privati biex jappoġġjaw aħjar lill-viżitaturi b'diżabilità.

Rampi jiġu installati fiż-żoni kulturali u rikreattivi ta' Córdoba biex itejbu l-aċċessibilità għas-siġġijiet tar-roti



Il-kodiċijiet NaviLens jgħinu lill-utenti neqsin mid-dawl jużaw b'mod indipendenti n-network tat-trasport pubbliku ta' Córdoba

## Aċċessibilità fin-network tat-trasport kollu

It-transport pubbliku f'Córdoba huwa bla ħlas għall-assistenti personali ta' persuni b'diżabilità, u x-xufiera tal-karozzi tal-linjal huma mħarrġa biex jaħdmu magħħom. Applikazzjoni ddedikata żviluppata mill-belt tiżgura li l-utenti b'mobbiltà mnaqqsa jkunu jistgħu faċilment jipprenotaw minn qabel spazju ta' parkeġġ mgħammar b'sensur. L-istazzjonijiet tal-ferrovija huma aċċessibbli wkoll.

Il-finanzjament minn NextGenerationEU qed jintuża biex isiru 220 waqfa tal-karozzi tal-linjal f'Córdoba li huma 100 % aċċessibbli, inkluż billi tiġi installata s-sistema NaviLens. NaviLens tgħin lill-utenti neqsin mid-dawl biex ikunu aktar indipendenti. B'mod ġenerali, 50 waqfa tat-taxi f'Córdoba diġà jużaw din is-sistema. Sal-lum, ġew installati aktar minn 4 000 interazzjoni b'kodiċijiet NaviLens f'34 waqfa tal-karozzi tal-linjal, u aktar minn 1 200 b'kodiċijiet installati fil-Mużew Julio Romero de Torres.

## Spazji inklużivi biex in-nies jieħdu pjaċir

Córdoba tuża pittogrammi biex tagħmilha aktar faċli għal tfal b'diżabilità li jilagħbu, kif ukoll għamara adattata f'żoni ta' rikreazzjoni għal persuni b'mobbiltà mnaqqsa.

Pittogrammi bħal din jagħmluha aktar faċli għal tfal b'diżabilità biex jifhmu u jilagħbu fuq it-tagħmir rikreattiv





**It-tielet premju**

**293,218 abitant**

# Ljubljana

Is-Slovenja

Il-belt kapitali u l-akbar belt fis-Slovenja, Ljubljana, hija l-qalba kulturali tal-pajjiż, u għandha wirt storiku rikk. Il-belt rebħet premji fl-Access City Award tal-2015 u l-2018. Minn dak iż-żmien, ilha taħdem qatigħi biex il-belt issir saħansitra aktar aċċessibbli, u dan kien ta' eżempju għal bliet Sloveni oħra.

Ljubljana hija belt li fiha nies diversi jgħixu flimkien f'risspett reċiproku. Aħna noħolqu l-kundizzjonijiet meħtieġa biex kulħadd jgħix ġajja sħiħa u ta' kwalità. L-aċċessibilità għal kulħadd hija waħda mill-aktar kwistjonijiet importanti li dejjem irridu nikkunsidraw hekk kif nerġgħu niżviluppaw il-belt. Jekk il-belt tkun aċċessibbli għall-aktar gruppi vulnerabbli, tkun aċċessibbli u faċli għal kulħadd.

Zoran Jankovićlin Brännström, Sindku tal-Belt ta' Ljubljana



Mudell tattili tal-Kastell ta' Ljubljana jinsab fuq il-wiri fil-bitħa

## Esperjenza kulturali rikka għal kull viżitatur

Il-qalba l-antika ta' Ljubljana toffri aċċess mingħajr ostakli għal persuni li jimxu fit-toroq, fil-pjazez u fuq il-pontijiet madwar ix-xmara Ljubljanica. B'kolloxb ibnejew jew ġew rinnovati 13-il pont pedonali biex ikunu aktar aċċessibbli. U minn 13-il latrina pubblika bla ħlas, 10 huma aċċessibbli għal kulħadd.

Butchers' Bridge (il-“pont tal-imħabba” ta' Ljubljana) għandu faċilitajiet ta' imbark aċċessibbli mingħajr ħlas għad-dgħajjes tax-xmajar, u wieħed jista' jżur il-Kastell ta' Ljubljana permezz ta' karozza tal-kejbil aċċessibbli. Mudell tattili tal-kastell għal persuni neqsin mid-dawl jinsab għall-wiri fil-bitħa, u dan jagħmilha aktar faċli għalihom li jesperjenzaw l-arkitettura tiegħi.

Sabien jiġi żgurat li kulħadd ikun jista' jgawdi miż-żoni ekoloġiċi estensivi ta' Ljubljana, il-belt investiet f'gónnu urbani aċċessibbli. Dan jinkludi l-installazzjoni ta' aktar minn 3 000 bank. Diversi bandli pubbliċi ġew aġġornati wkoll biex isiru aktar aċċessibbli.

Il-vetturi elettriċi bla ħlas, inklużi l-karozzi aċċessibbli għas-siġġijiet tar-roti, huma disponibbli madwar Ljubljana kollha

## Vjaġġar sikur madwar il-belt

Fiċ-ċentru tal-belt ta' Ljubljana, iż-żoni esklussivament pedonali u għaċ-ċiklisti ġew estiżi u mtejba b'pavimentar imqiegħed b'mod ugħalli, b'marki tal-art tattili, bankini baxxi u rampi. Aktar minn 80 % tal-punti ta' qsim pedonali jipprovdū sinjalji li jinstemgħu, u 2 % tal-ispażji tal-parkeġġ huma riżervati għall-persuni b'diżabilità.

Vetturi elettriċi bla ħlas, inklużi karozzi aċċessibbli għas-siġġijiet tar-roti, huma disponibbli għaċ-ċittadini madwar il-belt. Il-karozzi tal-linja kollha tal-belt għandhom art baxxa, u 96 % minnhom huma mgħammra b'avviżi bil-vidjo u bl-awdjo. L-ivvaġġar fuq it-trasport pubbliku fil-bliet u bejn il-bliet huwa wkoll bla ħlas għar-residenti b'diżabilità u għall-assistenti personali tagħiġi kif ukoll għall-anzjani.

Persuni b'diżabilità jistgħu jużaw it-trasport pubbliku b'mod sikur f'Ljubljana bis-saħħha ta' miżuri bħal karti tal-identità speċjali, li jistgħu jużaw biex jitkolu malajr l-assistenza tas-sewwieqa fuq il-karozzi tal-linja tal-belt.




## Applikazzjoni mobbli innovattiva

Mill-2018, il-viżitaturi f'Ljubljana jistgħujniżżu l-applikazzjoni mobbli b'xejn ta' "Ljubljana by Wheelchair (Ljubljana b'siġġu tar-roti)" biex jaċċessaw informazzjoni għall-utenti tas-siġġijiet tar-roti. L-applikazzjoni turi informazzjoni dwar żoni aċċessibbli fil-belt u tagħmilha aktar faċċi għal persuni b'diżabilità li jaslu fejn għandhom jaslu.

Soluzzjonijiet diġitali intelliġenti (inkluż portal tal-internet aċċessibbli għas-Servizz tal-Inizjattivi taċ-Ċittadini) jgħinu biex jiġi pprovdut aċċess aktar faċċi u aktar malajr għall-informazzjoni, kif ukoll opportunitajiet għall-informazzjoni, kif ukoll parteċipazzjoni, għal kulħadd.

L-applikazzjoni tal-mowbajl "Ljubljana by Wheelchair (Ljubljana b'siġġu tar-roti)" tiprovd informazzjoni rilevanti u aġġornata dwar l-aċċessibilità madwar il-belt



## Involvement attiv ta' persuni b'diżabilità

Dan l-aħħar Ljubljana ġar get Pjan Strateġiku ta' Aċċessibilità li jinvolvi kemm l-atturi privati kif ukoll dawk pubbliċi u jinkludi miżuri ċari biex sal-2025 il-belt issir aktar aċċessibbli.

Persuni b'diżabilità huma direttament inklużi fit-tfassil tal-politika tal-belt permezz ta' SOAKO u SVSO, korpi konsultattivi lis-sindakat. L-SOAKO huwa magħmul minn persuni b'diżabilità, rappreżentanti minn organizzazzjonijiet għal persuni b'diżabilità, periti u uffiċjali muniċipali. Il-korp konsultattiv jimplimenta inizjattivi biex jitneħħew u jiġu evitati ostakli arkitetttoniċi u ta' barrieri komunikattivi għall-persuni b'diżabilità. Jipproponi wkoll soluzzjonijiet prattiċi għall-korpi rilevanti fi ħdan l-amministrazzjoni tal-belt.

Minbarra t-tfassil tal-politika, persuni b'diżabilità huma inklużi wkoll fl-implementazzjoni prattika tal-politiki. Dan jinkludi l-itteżżejjar ta' soluzzjonijiet aċċessibbli fl-ispazji pubbliċi, bħal marki tattili mal-art, rikkiet ta' prova fuq karozzi tal-linjal tal-belt, u l-qari bi prova ta' informazzjoni faċċi biex tinqara. B'dan il-mod, persuni b'diżabilità huma sħab siewja biex jagħmlu l-belt miftuħa u aċċessibbli għal kulħadd.

Ljubljana tikkonsulta regolarment lill-persuni b'diżabilità bħala parti mit-teħid tad-deċiżjonijiet, sabiex tifhem aħjar is-servizzi u l-azzjonijiet speċifiċi li jistgħu jappoġġjaw l-integrazzjoni, l-awtonomija u l-għajxien indipendenti tagħhom.



**Aċċenn speċjali għat-teknoloġija tal-informazzjoni u l-komunikazzjoni (ICT)**

**60,000 abitant**

# Mérida

Spanja

Mérida, belt storika fil-Lbiċ ta' Spanja, ġiet iddikjarata sit ta' Wirt Dinji tal-UNESCO fl-1993 minħabba l-istorja rikka Rumana tagħha. Il-belt għandha l-għan li tippromwovi l-aċċess għaċċ-ċittadini kollha minħabba l-passat, il-preżent u l-futur kulturali tagħha, u tistinka b'mod kostanti biex issir belt għal kulħadd.

F'Mérida, qed inwettqu proġett ta' trasformazzjoni urbana u soċjali bbażat fuq aċċessibilità universali. Sabiex issir realtà, nifhmu li l-uniku mod kif tiġi promossa t-trasformazzjoni meħtieġa huwa permezz tal-trasversalità tal-azzjonijiet u tal-politiki. Huwa biss permezz ta' aċċessibilità universali u mudell soċjali li nistgħu nilħqu l-għan tagħna: li n-nies kollha, mingħajr eċċejjoni, jistgħu jeżerċitaw bis-sħiħi iċ-ċittadinanza tagħhom.

Antonio Rodríguez Osuna, Sindku ta' Mérida



Il-viżitaturi tal-fdalijiet u l-monumenti ta' Mérida jistgħu jużaw it-telefown tagħhom biex jiskennjaw pannelli interattivi u jaċċessaw informazzjoni awdjobiżza.

Mérida ġadmet b'mod konsistenti biex tippromwovi l-aċċessibilità universali u tikkonsolida l-kollaborazzjoni ma' organizzazzjonijiet rappreżentattivi ta' persuni b'diżabilità. B'mod partikolari, il-belt użat l-ICT biex tagħmel l-avvenimenti kulturali u s-siti storiċi aktar aċċessibbli.


## L-użu innovattiv tal-ICT f'avvenimenti kulturali u f'siti storiċi

Mérida hija belt antika ġafna li tistinka biex tirrispetta l-wirt tagħha filwaqt li ssir aktar aċċessibbli wkoll. Hija għamlet enfasi speċjali fuq it-tishħiħ tal-aċċessibilità tal-avvenimenti kulturali u tas-siti storiċi tagħha.

Sabiex l-istorja affaxxinant ta' Mérida ssir disponibbli għal aktar nies, il-belt installat pannelli interattivi aċċessibbli fil-fdalijiet u l-monumenti tagħha.

Fil-Festival Stone and Music, li jsir kull sena fit-Teatru Ruman, jintużaw boroż li jivvibraw biex jgħinu lin-nies bi smiġħ limitat igawdu l-mużika. Barra minn hekk, il-Festival Internazzjonali tat-Teatru Klassiku ta' Mérida jaħdem ma' Plena inclusión (organizzazzjoni li tappoġġja persuni b'diżabilità intellettuali jew ta' żvilupp), ONCE (fondazzjoni li tappoġġja persuni neqsin mid-dawl), u l-Audiosigno (servizzi ta' aċċessibilità sensorjali) biex jagħmlu l-prestazzjonijiet aktar aċċessibbli u jippermettu lil kulħadd igawdi t-teatru klassiku.


Mérida introduċiet "jiem mingħajr storju" fil-Fiera tal-Belt u matul il-Parata Wise Kings fil-Milied. F'dawn il-jiem, il-mużika tintefha matul sigħat speċifiċi biex tippermetti lin-nies bl-awtiżmu u sensitivitajiet sensorjali oħra jattendu mingħajr ma jkunu stimulati żżejjed.



In-nies li jgħixu fil-belt tagħna jafdawna biex intejbu ħajjithom billi nippromwovu proġetti globali fil-livell lokali u biex inkunu belt li tagħmel il-wirt tagħha aktar universali, aktar aċċessibbli u aktar inklużiv. Wirt li huwa parti mill-ħajja taċ-ċittadini ta' Mérida u tal-persuni kollha li jżuruna. Wirt li huwa ħaj u li jitgawda.

Antonio Rodríguez Osuna, Sindku ta' Mérida

Fil-vaganzi tas-sajf u tal-Milied, it-tfal jistgħu jieħdu sehem f'kampeġġi urbani inklużivi li jagħmlu l-wirt tal-belt aktar aċċessibbli. Il-kampeġġi joffru lit-tfal assistenza speċjalizzata biex jgħinuhom jilagħbu l-isports, jattendu avvenimenti tat-teatru u tal-mużika, u jipparteċipaw fi żjarat bi gwida. Il-pixxina pubblika issa hija aċċessibbli bis-saħħha tal-installazzjoni ta' lift, u ġew introdotti wkoll elementi aċċessibbli f'ħafna miż-żoni għal-logħob tal-belt.



## Rappreżentanza

Il-bini pubbliku ewljeni ta' Mérida għandu ċirkwiti manjetiċi, li jfisser li aktar nies jistgħu jieħdu sehem fl-aktivitajiet, fil-forums u fl-avvenimenti tal-belt. Mill-2015, il-belt kellha wkoll taqsima speċifika tal-gvern iddedikata għad-drittijiet u l-ħtiġijiet ta' persuni b'diżabilità. Il-politiki dwar l-aċċessibilità huma artikolati madwar pjan ta' inklużjoni. Il-pjan inkiteb f'kooperazzjoni ma' persuni b'diżabilità, il-familji tagħħom u l-assoċjazzjonijiet rappreżentattivi. Kien jinvolvi wkoll komplazzjoni massiva ta' informazzjoni permezz ta' testijiet, laqgħat u intervisti. Imbagħad ġie diskuss u miftiehem bejn il-membri tal-gvern lokali. Mill-101 miżura fil-pjan ta' inklużjoni, s'issa il-belt digħà nediet 50, u investiet EUR 2.1 miljun.



Il-kampeġġi urbani inklużivi jagħmlu l-wirt ta' Mérida aktar aċċessibbli għat-tfal, inkluż permezz ta' żjarat bi gwida



Aċċenn speċjali  
għall-ambjent mibni

**1.9 miljun abitant**

## Hamburg

### Il-Ġermanja

It-tieni l-akbar belt fil-Ġermanja, Hamburg, tattira miljuni ta' turisti kull sena. Ix-xmajjar u l-kanali tagħha jinqasmu b'madwar 2 500 pont, li jagħmluha l-belt bl-ogħla numru ta' pontijiet fl-Ewropa. B'popolazzjoni ta' madwar 1.9 miljun, Hamburg qed tiżviluppa b'mod kostanti il-pajsaġġ tagħha biex issir belt aktar inklużiva għall-ġħajxien fil-każ ta' persuni b'diżabilità.

L-aċċessibilità hija dritt tal-bniedem, u hija importanti għaċ-ċittadini ta' Hamburg u tal-Ġermanja b'mod ġenerali. Kull meta n-nies jiľtaqgħu ma' ostakli, ma jkunux jistgħu jipparteċipaw bis-sħiħ fis-soċjetà, u b'hekk ikunu qed jitilfu l-indipendenza tagħhom. F'dan ir-riġward, l-aċċessibilità hija wkoll parti fundamentali tad-demokrazija. Soċjetà demokratika moderna, orjentata lejn il-futur hija mingħajr ostakli u inklużiva, u dan huwa dak li rridu għal Hamburg.

**Ulrike Kloiber**, Koordinatur tas-Senat għall-Ugwaljanza għal Persuni b'Diżabilità

## Aċċessibilità xprunata minn ideat innovattivi

Hamburg iżżomm enfasi qawwija fuq l-aċċessibilità bħala parti mill-ħidma tagħha fuq l-akkomodazzjoni privata u ssussidjata mill-Istat. Il-port ta' Hamburg, li huwa fost l-akbar portijiet fid-dinja, huwa wieħed mill-attrazzjonijiet ewlenin tal-belt u eżempju kbir ta' post turistiku li huwa aċċessibbli ħafna. Hamburg introduċiet ukoll kunċetti innovattivi bħat-“taxi tal-futur (taxi of the future)” (Zukunftstaxi). Dan il-kunċett jipprovdi sussidji għat-tħaddim ta' taxis b'emissionijiet żero li jistgħu jitrasportaw lill-utenti tas-siġġijiet bir-roti.




It-“taxi tal-futur” huwa pass ewljeni lejn l-aċċessibilità ta' Hamburg

## Involvement attiv madwar il-belt kollha

Hamburg għandha approċċ konsolidat għall-aċċessibilità li jinkludi l-involvement tal-partijiet ikkonċernati u l-azzjonijiet koordinati bejn is-setturi pubbliċi u privati. Eżempju wieħed huwa l-Grupp ta' Ħidma tal-Istat għall-Persuni b'Diżabilità – assoċjazzjoni li tlaqqa' flimkien kważi 70 organizzazzjoni ta' persuni b'diżabilità. Il-grupp ta' ħidma huwa favur id-drittijiet tal-persuni b'diżabilità quddiem l-awtoritajiet u l-istituzzjonijiet.

Il-fokus wiesa' ta' Hamburg ifisser li l-belt kisbet ħafna aktar aċċessibilità, mit-taħriġ tax-xufiera tat-taxi għal klijenti tas-servizzi b'diżabilità biex ikollhom servizzi tal-amministrazzjoni pubblika online aċċessibbli.







Il-kollaborazzjoni u l-involviment attiv  
kienu xprunaturi ewlenin tas-suċċess  
tal-aċċessibilità ta' Hamburg

## Mogħdijiet għal persuni b'diżabilità

Hamburg għandha l-għan li tistabbilixxi Istitut għall-Edukazzjoni Inklużiva sabiex persuni b'diżabilità intellettwali jkunu jistgħu jgħallmu f'istituzzjonijiet tal-edukazzjoni għolja. Barra minn hekk, il-belt għandha l-liġi tagħha stess, l-Att dwar l-Ugwaljanza tad-Diżabilità, li, bħall-Konvenzjoni dwar id-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabilità tan-NU, għandu l-għan li jistabbilixxi għajxien indipendent u parteċipazzjoni ugwali ta' persuni b'diżabilità fis-soċjetà.





Aċċenn speċjali għat-trasport

160,000 abitant

## Grenoble

Franza

Imdawwar bil-muntanji fix-Xlokk ta' Franza, Grenoble kellha impenn fit-tul lejn l-aċċessibilità. Il-belt rebħet it-tieni premju fl-Access City Award tal-2013, u fl-2020 ingħatat "l-ewwel belt aċċessibbli" mill-assoċjazzjoni Franċiża ta' persuni b'diżabilità APF France handicap.

Aħna rridu nagħtu lil kulħadd l-opportunità li jipparteċipa fil-ħolqien tal-belt tagħna wara l-idea ta' "xejn dwarna, mingħajrja". It-trasport pubbliku tagħna huwa mgħammar sew – it-tramm tagħna kien l-ewwel servizz tat-tramm aċċessibbli fid-dinja, u issa aħna ffokati fuq l-għotxi ta' akkomodazzjoni aċċessibbli lil persuni b'diżabilità fiżika.

Luis Beltran-Lopez, Kunsillier tal-Belt inkarigat mill-aċċessibilità u d-diżabilità fit-tim muniċipali



Grenoble għamlet passi kbar biex tagħmel it-trasport pubbliku tagħha aċċessibbli

## Vjaġġar aċċessibbli madwar il-belt

Grenoble għandha approċċ b'saħħtu lejn l-aċċessibilità tat-trasport. Il-karozzi tal-linjal u t-trammijiet pubbliċi tal-belt saru aċċessibbli, u bħalissa qed taħdem biex tippordi roti adattati.

## Kampanja ddedikata għat-tqajjim ta' kuxjenza

Ix-Xahar ta' Aċċessibilità ta' Grenoble jinkludi sensiela ta' avvenimenti li għandhom l-għan li jqajmu kuxjenza dwar il-persuni b'diżabilità, il-ħtieġiġiet tagħhom, u l-isfidi tagħhom. Il-belt torganizza wkoll vjaġġi fuq il-post biex tivvaluta s-sitwazzjoni fuq il-post. Kull sena, Grenoble tfassal rapport dwar l-istat tal-aċċessibilità tal-istrutturi privati u pubbliċi u tippreżenta r-riżultati fil-laqqha Muniċipali tal-Kummissjoni għall-Aċċessibilità.



Il-laqqha tal-Kummissjoni Muniċipali għall-Aċċessibilità tiddiskuti l-istat tal-aċċessibilità fi Grenoble




Grenoble qed ittejjeb il-faċilitajiet tagħha biex tagħmel l-isport aktar aċċessibbli

## Lil hinn mit-trasport

Il-pjan Ad'Ap, li jibqa' għaddej sal-2025, għandu l-għan li jittrasforma l-bini ta' Grenoble bħal skejjel, ċentri kulturali u faċilitajiet sportivi. Dan se jippermetti lill-belt tistabbilixxi aktar proġetti sportivi. Diġà saru konformi aktar minn 40 faċilità.

## Rappreżentanza fit-teħid tad-deċiżjonijiet

Il-proġetti ffinanzjati mill-baġit tal-belt ta' Grenoble, jiġu ppreżentati, u ssir votazzjoni fuqhom, mir-residenti, li jwassal għal proġetti ġoddha ta' inklużjoni soċjali. Dawn jinkludu t-twaqqif ta' assoċċjazzjonijiet li jappoġġjaw lit-tfal bl-awtiżmu li jkunu ħarġu mill-iskola, jew il-ħolqien ta' bandli msejħha "handiparks". Dawn il-parks huma maħsuba għal tħall b'diżabilità jew mingħajrha, u b'hekk irawmu d-diversità mill-età l-aktar bikrija.





# Parteċipazzjoni fl-Access City Award 2024

**Int tista' tgħin biex tagħmel  
il-ħajja ta' persuni b'diżabilità  
aktar faċli. Ingħaqad u  
applika issa għall-Access City  
Award 2024**

L-Access City Award jiġi organizzat mill-Kummissjoni Ewropea flimkien mal-Forum Ewropew dwar id-Diżabbiltà. Il-Premju jirrikonoxxi l-bliet li ġadmu biex isiru aktar aċċessibbli, b'mod partikolari għal persuni b'diżabilità..

Il-parteċipazzjoni fil-Premju hija opportunità biex jinkiseb rikonoxximent Ewropew u opportunità unika biex tiġi riveduta s-sitwazzjoni attwali fil-belt tiegħek. Tippermetti wkoll li taqsam l-esperjenzi ma' bliet Ewropej oħra, u b'hekk tgħinek issir belt saħansitra aħjar biex tgħix fiha u żżurha.

Il-bliet rebbieħa jirċievu premju finanzjarju:

- L-ewwel premju: €150 000
- It-tieni premju: €120 000
- It-tielet premju: €80 000

**Jistgħu japplikaw  
bliet b'aktar minn  
50 000 abitant**

Il-proċess ta' għażla huwa maqsum f'żewġ fażijiet: l-għażla minn qabel fil-livell nazzjonali u l-għażla finali fil-livell Ewropew. Il-ġurji nazzjonali f'kull pajjiż jagħżlu massimu ta' tlitt ibliet minn fost l-applikanti nazzjonali permezz ta' kriterji ta' evalwazzjoni pprovduti mill-Kummissjoni Ewropea. Il-kandidati magħżula minn qabel imbagħad jgħaddu għat-tieni fażi tal-kompetizzjoni u jiġi vvalutati mill-Ġurija Ewropea.

Sabiex tapplika, trid tkun awtorità governattiva ta' belt ta' aktar minn 50 000 abitant fi Stat Membru tal-UE. Fi Stati Membri b'anqas minn żewġt ibliet bħal dawn, żoni urbani komposti minn żewġt ibliet jew aktar jistgħu jieħdu sehem ukoll jekk il-popolazzjoni tagħhom flimkien taqbeż il-50 000 abitant.

Minħabba li l-Access City Award ma jistax jintrebaħ mill-istess belt għal sentejn konsekuttivi, il-belt rebbieħa fl-2023 ma tistax tipparteċipa mill-ġdid fl-2024. Il-Premju jħeġġeġ lill-ibliet l-oħra kollha, inklużi r-rebbieħa tat-tieni u tat-tielet premju u bliest ta' aċċenn speċjali, biex jerġgħu jipparteċipaw.

Sabiex tapplika, trid timla u tissottometti formola ta' applikazzjoni online sad-data tal-għeluq. Meta l-perjodu ta' applikazzjoni jinfetaħ, jiġu ppubblikati nota ta' gwida u regoli ta' parteċipazzjoni biex jgħinuk tapplika.

Dawn sejkunu disponibbli fil-lingwi uffiċjali kollha tal-UE fuq is-sit web tal-Access City Award 2024.

[ec.europa.eu/social/accesscityaward2024](http://ec.europa.eu/social/accesscityaward2024)

## Il-proċess u l-kriterji tal-ġhażla

Il-ġurji se jqisu l-miżuri meħudin u ppjanati fl-oqsma li ġejjin:

- l-ambjent mibni u l-ispazji pubbliċi.
- it-trasport u l-infrastruttura relatata.
- l-informazzjoni u l-komunikazzjoni, inklużi teknoloġiji ġodda (ICTs).
- il-faċilitajiet u s-servizzi pubbliċi.

Il-ġurji se jevalwaw l-applikazzjonijiet, billi jqisu s-sitt kriterji li ġejjin:

- il-kamp ta' applikazzjoni tal-azzjonijiet.
- is-sjieda, il-livell ta' impenn.
- l-impatt.
- il-kwalità u s-sostenibbiltà tar-riżultati.
- l-involviment ta' persuni b'diżabilità u sħab rilevanti.
- l-innovazzjoni soċċali.

Jekk jogħġibok oqgħod attent/a għal aħbarijiet dwar il-kriterji finali fuq is-sit web tagħħna.

Ir-rebbieħ tal-Access City Award tal-2024 se jiġi mħabbar **fl-1 ta' Diċembru 2023**. Iċ-ċeremonja tal-ġhoti tal-Premju hija parti mill-konferenza annwali biex jiġi ċċelebrat il-Jum Ewropew għall-Persuni b'Diżabilità (bejn it-30 ta' Novembru u l-1 ta' Diċembru 2023).

## Ikkuntattjana

Is-Segretarjat tal-Premju Access City jista' jgħinek tħejji l-applikazzjoni tiegħek. Jekk teħtieġ kwalunkwe informazzjoni addizzjonal, jekk jogħġibok ikkuntattja lil: [secretariat@accesscityaward.eu](mailto:secretariat@accesscityaward.eu)



## **Kif tikkuntattja lill-UE**

### **Personalment**

Madwar l-Unjoni Ewropea kollha hemm mijiet ta' ċentri ta' informazzjoni ta' Europe Direct. Tista' ssib l-indirizz tal-eqreb ċentru tiegħek fuq: [https://europa.eu/european-union/contact\\_mt](https://europa.eu/european-union/contact_mt)

### **Bit-telefown jew permezz tal-posta elettronika**

Europe Direct huwa servizz li jwieġeb il-mistoqsijiet tiegħek dwar l-Unjoni Ewropea. Inti tista' tikkuntattja dan is-servizz:

- permezz tan-numru tat-telefown mingħajr ħlas: 00 800 6 7 8 9 10 11 (ċerti operaturi jistgħu jitkolu ħlas għal dawn it-telefonati),
- fuq in-numru standard li ġej: +32 22999696 jew
- permezz tal-posta elettronika fuq: [https://europa.eu/european-union/contact\\_mt](https://europa.eu/european-union/contact_mt)

## **Kif issib l-informazzjoni dwar l-UE**

### **Online**

Informazzjoni dwar l-Unjoni Ewropea bil-lingwi uffiċjali kollha tal-UE hija disponibbli fuq is-sit web tal-Europa fuq: [https://europa.eu/european-union/index\\_mt](https://europa.eu/european-union/index_mt)

### **Pubblikazzjonijiet tal-UE**

Tista' tniżżeż jew tordna pubblikazzjonijiet tal-UE kemm bi ħlas kif ukoll bla ħlas minn: <https://publications.europa.eu/mt/publications>. Tista' tikseb diversi kopji ta' pubblikazzjonijiet bla ħlas billi tikkuntattja lil Europe Direct jew liċ-ċentru lokali ta' informazzjoni tiegħek (ara [https://europa.eu/european-union/contact\\_mt](https://europa.eu/european-union/contact_mt)).

### **Id-dritt tal-Unjoni u dokumenti relatati**

Sabiex ikollok aċċess għal informazzjoni legali mill-UE, inkluż id-drittijiet kollha tal-UE mill-1952 fil-verżjoniċċi lingwistiċi uffiċjali kollha, żur EUR-Lex fuq: <http://eur-lex.europa.eu>

### **Data miftuħha mill-UE**

Il-Portal tad-Data Miftuħha tal-UE (<http://data.europa.eu/euodp/mt>) jipprovdha aċċess għal settijiet tad-data mill-UE. Id-data tista' titniżżeż u terġa' tintuża mingħajr ħlas, kemm għal skopijiet kummerċjali kif ukoll għal skopijiet mhux kummerċjali.

Il-Premju annwali Access City jirrikonoxxi l-ibliet Ewropej għall-isforzi tagħhom biex jagħmlu lilhom infušom aktar aċċessibbli għall-persuni b'diżabbiltà u għall-anzjani. Dan il-fuljett jiċċelebra l-kisbiet tar-rebbieħha tal-2023, dawk li ġew minn ta' quddiem u t-tismijiet speċjali; Skellefteå (Isvezja), Córdoba (Spanja), Ljubljana (Slovenja), Mérida (Spanja), Hamburg (Ġermanja) u Grenoble (Franza). L-ibliet ta' din is-sena ħadu passi konkreti biex jagħmlu l-ispażji pubbliċi, is-servizzi, ittrasport, il-bini, il-kultura u t-turiżmu aktar aċċessibbli.

Tista' tniżżeł il-pubblikazzjonijiet tagħna jew tabbona bla  
ħlas minn [ec.europa.eu/social/publications](http://ec.europa.eu/social/publications)

Jekk tixtieq tirċievi aġġornamenti regolari dwar id-Direttorat Ġenerali għall-Impieg, Affarijiet Soċjali u Inklużjoni, irregjistra sabiex tirċievi n-newsletter elettronika ta' Social Europe bla  
ħlas minn

[ec.europa.eu/social/e-newsletter](http://ec.europa.eu/social/e-newsletter)



[Social Europe](#)



[EU\\_Social](#)



L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet  
tal-Unjoni Ewropea